Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10857 – CINVEN / ZURICH SANDER VERMÖGENSVERWALTUNG)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 385/09)

1. Fit-30 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Viridium Holding AG ("Viridium", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Cinven Partnership LLP ("Cinven", ir-Renju Unit),

— Zurich Sander Vermögensverwaltungs AG (il-Ġermanja), li tappartjeni għall-grupp Zurich Insurance Group Ltd (l-Iżvizzera).

Cinven se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Zurich Sander Vermögensverwaltungs AG kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Cinven hija negozju ta' ekwità privata. Viridium hija fornitur ta' prodotti tal-assikurazzjoni tal-ħajja, speċjalizzata fil-ġestjoni ta' portafolli tal-assikurazzjoni tal-ħajja magħluqa fil-Ġermanja,

— Zurich Sander Vermögensverwaltungs AG għandha portafoll magħluq ta' poloz tal-assikurazzjoni tal-ħajja miżmuma kważi esklużivament mill-klijenti Ġermaniżi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10857 – CINVEN / ZURICH SANDER VERMÖGENSVERWALTUNG

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permez tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.